MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 843/2007

**JDF Enterprises Limited (C877643) u b'digriet tat-Tribunal tal-10 ta' Dicembru, 2007 l-isem tas-socjeta' attrici inbidel ghal "JDF Enterprises Limited"**

**Vs**

**Godwin Tedesco**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u hamsin Euros u sbatax-il Euro cents (€250.17) - (Lm107.40c) rapprezentanti nofs il-paga tal-paga tal-konvenut bhala impjegat tas-socjeta' attrici, stante n-nuqqas tal-konvenut li jaghti avviz lis-socjeta' attrici rigward it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu skond dak rikjest fl-att li jirregola l-impjiegi u r-relazzjonijiet industrijali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin Euros u sbatax-il Euro cents (€250.17) - (Lm107.40c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------